Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IS-SEBAT LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 86**
**Il-Hamis 28ta'Frar 2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Emanuel Brincat – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier (Messaġġ u ittra ta'apoloġija waqt li bdiet il-laqgħa)

ASSENTI

Alan Abela Wadge – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

86.1 Qari ta’ l-ittri ta’ apoloġija;

86.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

86.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Emmanuel Brincat, li qal li ma jistax jattendi minħabba impenn ieħor.

86.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li ma rċeviex l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li huwa msiefer.

86.1.04 Il-Kunsillier Matthew Agius bagħat messaġġ u email, waqt is-seduta li minħabba raġunijiet li ma setax jitlaq mix-xoghol. Talab biex ikun skużat mil-laqgħa.

86.1.05 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

86.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L7-85 ittieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet f'minuta 85.5.02

Il-minuti ġew approvati unanimament.

86.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

83.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cirk SPI 2/2019 Fond għaz-żamma u manutenzjoni ta'progetti, infrasttruturali maġġuri li ġew imwettqa' mil-Gvern Ċentrali.

83.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrespondenza mid- DLG dwar il-Bench Mark for National Performance Indicators. Bejn Ġunju u Settembru 2019.

83.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrespondenza mill- Parroċċa dwar Pellegrinaġġ ta'Ras ir-Randan.

83.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cirk: SPI/SCI/1/2019 Inizjattiva ta'għajnuna, għall- korsijiet fejn għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li jista' jigi kunsidrat l-użu ta' Day Center, meta dan ma jkunx użat mill- Anzjani.

83.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrespondenza mill- ERA dwar Laqgħa informattiva fuq regolamenti dwar ħarsien ta'siġar u għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li min jinteressah jista' jattendi.

83.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar laqgħa u diskussjoni għall- iniżjattiva ta'inklużjoni ma'residenti barranin. Fejn se ssir laqgħa fil-Kunsill għall dawk ir-residenti interresati li jipparteċipaw fil-proġett nhar it-Tnejn 25 ta'Marzu fis 6:00 pm.

83.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar talba mil-Assoċjazzjoni biex jingħata' taghrif fuq ħsarat li seta' kien hemm wara l-maltempata. Fejn il-Kunsill ġa bagħat id-dettalji tal- ħsarat fil- Misraħ 5 ta' Ottubru.

83.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti, dwar laqgħa ta'informazzjoni għall- Planning Development Fund. Hawn talbet l-Segretarju Eżekuttiv jagħti d- dettalji fuq il-Laqgħa.

Is-Segrettarju Eżekuttiv ta'spjega li din kienet laqgħa fejn tagħti dettallji għal xiex dawn il-fondi għandhom jintużaw u kif tapplika sabiex il-Kunsilli joħorġu bi' pjan biex dawn il-fondi jintużaw. Hawn kompla jispjega li se jintbghat presentation tal-laqgħa u li se jgħaddiha lill-Kunsilliera.

83.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar laqgħa ta'informazzjoni li saret mall- Wasteserv dwar il-ġbir organiku fejn talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti dettallji fuq il-Laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv ta'spjega li din kienet laqgħa biex tagħti dettallji tal- progress li sar fejn tagħat indikazzjoni ta'tnaqqis fl-skart fil borża sewda u żieda fir-riċiklaġġ. Hawn kompla jispjega li waqt il-laqgħa ssemew numru ta'punti fosthom l-infurżar u x'qed jagħmel il-Kunsill. Fejn il-Wasteserv talbet biex tkun infurmata' b'rapporti li jsiru mad-Dipartiment għat-tindif, LESA u l-ERA .

86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

86.4.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk sarietx il-laqgħa mal- Junior College, għall- proġetti edukattivi li l- Junior College jipparteċipa' fihom. Biex il-Kunsill, iħawwel siġar li jkabbru l- Istudenti.
Is-Sur Lino Bartolo wieġeb li din ma saretx ghax il- proġetti edukattivi mhux ser issir.

86.4.02 Is-Sur Maurice Agius staqsa' jekk kienx hemm risposta, għall- korrespondenza fuq applikazzjonijiet mal- Enemalta biex jiġi nstallat dawl f 'St Joseph drive , Triq Ċensu Farrugia u Triq tas-Sisla.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bħala risposti ma kienx hemm biss l-Enġineer u l-Kuntrattur, ġew il- Kunsill wara li marru fuq il-post u gharrfuh dwar id-dawl ta'St Joseph drive.

86.4.03 Is-Charles Selvaggi staqsa', dwar l- emendi fuq il- Bye-law għall- konsum tal -alkohol.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għamel l-emendi u għadda kollox lill- Avukat biex jgħaddi l-kummenti tiegħu.

86.4.04 Is-Sur Lino Bartolo staqsa' jekk hux possibbli nitolbu lill- Infrastructure Malta għall- pjanta fuq il- pjan għall- Traffic Managment Arteriali. Biex niċċekjaw jekk jistax ikun konfliġenti, mal-proġetti tal-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal- mument ma jafx jekk hemx xi pjanti jew diskussjoni.

86.4.05 Is-Sur Maurice Agius qal li tkellem mall- LESA fuq ċitazzjoni li ħarġet f'l-ewwel ġurnata tal-parkeġġ ristrett, għax mhux sewwa li waqt il-laqgħa ssemmiet li dawn ser jinħafru u ma ġarax hekk. U dan gie mgharraf biex il-Kunsill jibghat dikjarazzjoni uffiċċjali fuq il-każ biex din tkun kunsidrata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li ħa nota u se jibgħat korrispondenza lill- LESA fuq il-każ.

86.4.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar rapport u talba ta' no objection fuq PA/00876/17 għall - xogħol fuq ir- rampa quddiem show room go Triq il-Prinċipessa Margaret fhiex waslet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li qabbad lill-perit tal-Kunsill biex jagħmel kuntatt mal-perit ta'showroom u sa' fejn huwa nnfurmat dawn se jiltaqaw fuq il - post biex tinsab soluzzjoni u l- bankina tigi rranġata' b'mod li in-nies ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar.

86.4.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino tkellmet fuq il-laqgħa li saret mad-dilletanti ta'nar fuq il-proġett tal- Ġnien Misrah San Gużepp. Fejn qalet li waqt il-laqgħa qamu diversi qlajjiet fejn hemm min ivvinta' li se jssir Football Ground 5 a side u ħafna affarijiet oħra. Hawn kompliet tispjega, li l-minuti tal-laqgħa u l- pjanti jindikaw Multi Purpose Sport Facility.

Is-Sur Maurice Agius qal li meta tkellem ma' xi wħud dan spejgah ċar li dan huwa pitch jista' jintuża għall kollox iżda kien hemm, min ried jifihma mod ieħor u beda jagħmel l-qlajja. Barra min hekk dan l-individwu ma jridx li ssiru il-pjanti endemiċi u li qed joġezzjona għall- proġett għax ma jkunx jista' issir nar tal-art.

Is-Sur Lino Bartolo qal li waqt il-laqgħa saru diversi kummenti fosthom fuq ir-responsabilita' u min jagħmel tajjeb għall- ħsara. Hawn kompla jispjega li ma jistax issir proġett għall- Ġnien mingħajr is-siġar u għada kif ħarġet ċirkulari mill -ERA dwar il-ħarsien tas-siġar u regolamenti marbuta magħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħa nota ta' ċertu kummenti u mhux relevanti li ntqal għax kull użu għall- postijiet pubbliċi rrid jkun kopert b'assigurazzjoni, u kull ħsara li ssir trid tkun koperta mill - applikant permezz ta'garanzija. Ma dan xtaq żżid li waqt din il-laqgħa sema kummenti fuq il-madum li qed jiċaqlaq fil- parti ta'Misrah San Gużepp u qed jara x'jista ssir biex dan jittranġa' qabel is-Sajf.

Is-Sinjura Romina Galea qalet li dawn qed jitolbu laqgħa mall- Kapillan, Għaqda tal-Banda u l-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu li sa' kemm ikun hemm żvillupp fl-applikazzjoni ma hemmx għalfejn issiru laqgħat.

86.4.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, tkellmet dwar binja perikoluża ġo Triq il-Wied, kantuniera ma' Triq Santa Venera.

Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb, li bagħat ir- rapport lill- Pulizija għall- Assistenza u dawn bgħatu lura li qed jieħdu azzjoni.

86.4.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar sit ta'kostruzzjoni, wieqaf ġo Triq il-Ħarrub li kemm il-darba kitbet dwara. U li se tieħu ħsieb terġa' tikteb u tagħmel, pressjoni fuqha.

86.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa' dwar it-tabella tal-ħamiem fejn il-Għajn tal-Ħasselin jekk weħlitx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din waħllet l-ewwel ġo post ħażin b' żball u wara saret fuq il-post. Iżda kien hemm xi persuna li qalet din it-tabella min posta u baqa' l-arblu biss. Hawn kompla jispjega li ġa agħmel ordni għall- oħrajn.

86.4.11 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bżonn inkellmu Club ġo Misraħ il-Barrieri, fejn f'ċertu ġranet qed ikun hemm akkumullu ta'-Iskart.

Is-Sur Lino Bartolo qal li qed ikun hemm rimi ta'demel ta'l-annimali li qed jitħalla hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li rigward id-demel taż-żwiemel ġa għamel referenza għalija mal- Wasteserv waqt il-laqgħa ta'informazjoni u qed jistenna risposta minn għandhom.

86.4.12 Is-Sur Charles Selvaggi reġa' tkellem dwar inkonsistenza fil-Knis.

Is-Sur Maurice Agius wieġeb li saret laqgħa mal- kuntrattur li gie mwissi li dan mhux qed ssir sew. Hu proppona li nżommulu l- pagament ta'Frar għall- skeda oħra.

Il-Kunsilliera qabblu unnanimament.

86.4.13 Is-Sur Charles Selvaggi reġa' tkellem dwar xi siġar fi' Triq Princess Margaret.

Is-Sur Lino Bartolo wieġeb li kellem lill- Kuntrattur biex jara x jista' issir.

86.4.14 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' dwar xi bins ġo Triq Oscar Zammit.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wasslu xi bins ġodda fejn ghandhom jeħħlu seba bins bejn Triq John Borġ, u Triq Oscar Zammit.

86.4.15 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' jekk hux se ssir Triq Ġwann Mamo.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wieġbet li din mhux fil-lista mħabbra iżda qed tipprova biex din ssir wkoll, ma Triq is-Snajja. Bħal ma saru Triq Innocenz Zammit, Triq San-Andrija u Misraħ 5 ta 'Ottubru.

86.4.16 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' dwar ir-reserved parking ġo Triq il Ħarrub.
Is-Segretarju wieġeb li kiteb lis-sezzjoni ta' TM kkonċernata' biex jaraw għall- liema raġuni din saret hemm.

86.4.17 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' dwar l-Iskola jekk kienx hemm żvillupp.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wieġbet li għadt hemm kollox miżmum, minħabba li giet skedata. Iżda tinsab innfurmata' li-dipartiment tal-Edukazjoni qed jiehdu core samples biex jaraw l-stat tal-skola.

86.4.18 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' dwar jekk sarux rapporti dwar in-nies, li qed jorqdu barra.

Is-Segretarju wieġeb li kiteb u talab lill- Assistent Kumissarju u l-Spettur tal- Pulizija biex jivverifikaw u jieħdu azzjoni fejn meħtieġ.

86.4.19 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' dwar il-laqgħat tal- kumitat finanzjarju, u dwar il-ħlas għall-Kuntrattur tal Belvedere ġo Triq Indri Grima fejn spjega, li għalkemm dawn ġew approvati mill- Kunsill u hawn seta' żbalja għax wara għad jaħseb u qed jissuspetta'.li dan seta' żamm aktar mill- suppost, fejn jidħlu il-planters u l-bankijiet. Hawn kompla jistaqsi kif dawn il-kontijiet jiġu verifikat u filwaqt li talab jekk jistax ikollhu koppja tal- kont. Ma' dan xtaq iżżid li jaħseb li r-Reception wkoll jista' ikun għoli ħafna. U jekk hux suppost jinħareġ Tender .filwaqt li għadt fadal l-Arma tal-lokal x ssir. Dan qed jgħidu biex il- Kunsill jagħmel verifika u jiżgura li jekk sar xi żball x 'imkien jssir dak kollu meħtieġ biex ħadd ma jieħu lill-Kunsill għall-passiġata'.

Lino Bartolo qal li billi hu kien ippropona biex dan il-kont jithallas jhoss li ghandu jkollu kopja tal-kont ukoll biex jivverifikah.Is-Sindku qalet li dawn il-kontijiet ghandhom jigu verifikati.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l- Kummitat Finanzjarju ghalkemm ma jiltaqax ix-xogħolijiet jiġu preżżentati u approvati fil-laqghat tal-Kunsill. Hawn kompla jinforma lill-Kunsilliera preżenti li t-Tender jinħareġ meta l-estimi ikunu l-fuq min 10,000 euro. Filwaqt li ġa jeżisti framework għall- Kuntrattur eżistenti u dwar il-kont jista' jagħtih koppja flimkien mal- bill of quantities, ffirmat mil- Quantity Surveyor. Hawn kompla jispjega li Front Office Desk huwa custom design fejn kien hemm stima, deskritta' u wara li saret talba mill- Kunsill għax rah għoli, kienet giet preżentata' stima oħra deskritta min kumpanija differenti f'seduta differenti li kienet ferm orhos, u intgħażlet din. Filwaqt li se jieħu nota ta' dawn il- kummenti serji bl-akbar responsabilita' se jagħmel il-verifika kollha meħtieġa fejn se jieħu dawk il- passi kollha meħtieġa.

86.4.20 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' dwar il-permessi preżenti tal - binja biex ikun hemm sulari addizjonali jekk għadux validu.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa fejn huwa nnfurmat dan għadu validu u se jagħmel verifika, u jibgħat konferma ta' dan aktar tard.

86.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

86.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda l-Estimi Finanzjarji 2019, li-ttieħħdu bħala moqrija wara il-laqgħa pubblika.
Il-Kunsilliera, preżenti approvaw id-dokument

86.5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa' fuq il-mejda u ta' rendikont fuq dokument dwar M.O.U ma' Dipartiment għall - tindif Pubbliku għall- servizzi ta'tindif,ħasil u installazjoni ta'bins ġo-Imsida b'xejn.
Il-Kunsilliera preżenti approvat id-dokument

86.5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda erbgħa stimi biex jinbddlu 72 pannel ta' dawl fil-Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dawn l-stimi u qabblu li għandhom jinġabu xi stimi oħra biex ikun hemm aktar għażla.

86.5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda żewġt stimi biex ssir l-irħam għas- sular ta' tarag u żewġt stimi għal żewġ sulari handrail fit-Tarag tal-Kunsill. Ma dawn kien hemm stima oħra bl-irħam u il-hand rail.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dawn l-stimi u qabblu li għandhom jintgħażlu l-orħos handrail filwaqt li għandhom jinġabu xi stimi oħra għall- għażla ta' l-orħos irħam.

86.5.05 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai tkellmet dwar it-tnidija tal-App tal- Kunsill li huwa lest filwaqt, li proponiet li dan għadu jiġi varat waqt konferenza stampa li tista ssir wara 3 ta' Marzu biex ikun preżenti u jkun jista' jagħti dimostrazzjoni l-żvilluppatur.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw.

86.5.06 B' referenza għaċ-Ċirkulari 8/2018 fejn ġew spjegati l-obbligi skont ittermini tar-regolamenti dwar l-ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-maniggjar tal-iskart (L.S. 549.43) kif ukoll regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa' fuq il-mejda proposta waħda għall- ġbir tar-riċiklaġġ wara sejħa kif spjegata fil-proċedura ta' Ċirkulari Numru 3/2019. bejn żewġ skemi awtorizzati u talab lill- Kunsilliera jikkonsultaw id-dokument li huwa konformi ma' sejħa biex jieħdu d-deċizjoni.

86.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa' fuq il- mejda talba għad danni wara aċċident ġo Triq Misraħ il - Barrieri fejn spjega li saret verifika' skond id-dokument preżentat u din it-talba hija ġustifikata'.
Il-Kunsilliera preżenti kkunsidraw u approvaw il-ħlas għad- danni mitluba..

86.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar inizjattiva mil-bank ta'demm fejn talab il-kollaborazjoni tal-Kunsill Lokali biex ssir Monument, ġo Triq id-Donaturi ta'Demm. U spjegat li hemm Perit li se jagħmel tajjeb għad- disinn u għall-monument jekk dan ikun approvat mill -Board.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw

86.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrespondenza mill -LESA dwar Speed Camera request u talbet lill- Kunsilliera preżenti jagħmlu suġġerimenti għall-kunsidrazzjoni.
Is-Sur Maurice Agius ppropona li terġa' titqajjem l-applikazjoni għall- Triq D'Argens u li tigi proposta' speed kamera żgħira ġo Triq il-Kunċizzjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew approvaw li jsiru l-applikazjonijiet għall- kunsiderazjoni tal-LESA

86.5.10 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq numru ta'sinjali għat traffiku mad dawra tal monument u it traffic lights ta hdejn li monument biex jinbiddlu jew jittranġaw.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġa ħa nota u wieġeb li hemm numru ta' ordnijiet.

86.5.11 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq il-Hand rail ta'Triq Clarence.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u se jiċċekja.

86.5.12 Is-Sur Maurice Agius tkellem, fuq il- madum ta'Misrah San Ġuzepp
Is-Segretarju Eżekuttiv ġa ħa nota.

86.5.13 Is-Sur Maurice Agius, tkellem fuq l-street lighting quddiem il-Marina home.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan id-dawl ilu xhur, jiġi rrapurtat kif tixhed il-korrespondenza.

86.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem, fuq il mera fi' Triq Robert Naudi ma' D'Argens.
Is-Segretarju Eżekuttiv ha nota u wieġeb li din ma ilhiex ħafna li kienet saret.

86.5.15 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq vettura bi' pjanċi barranin ERS 787 ġo Triq Victor Denaro.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

86.5.16 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar attivita' u propona il-Kunċert għall- Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-Attivita'.

86.5.17 Is-Sur Lino Bartolo tkellem, u ta' dettalji dwar attivita' għall- Anzjani fejn hemm stedina għall żjara fit- 12 ta'Marzu fil- palazz tal President San Anton. Biex jiltaqghu mal- ET, il-President Marie Louise Coleiro Preca.

86.5.18 Is-Sur Lino Bartolo tkellem u talab għall kunsiderazjoni tal- Kunsill biex jieħu taħt idejh in-niċċa tal- Madonna ta'Duluri fi Triq il-Kunċizzjoni.
Il- Kunsilliera ddiskutew u jgħarrfu li din hija tar-residenti ta'Triq li ħarġu il-fondi biex ssir iżda jekk ikun hemm kunsens min dawn il-Kunsill jista' jidħol f'diskussjoni għall- ftehim legali biex din tgħaddi taht il-ħarsien tal-Kunsill.

86.5.19 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar l- arbli fi' Triq il-Kunżar fuq il-bankina li twahhlu min resident bla permess.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

86.5.20 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar ilma li jinġabar taħt il-pont fejn tal-pastizzi ġo Triq Xatt L-Imsida. Billi l-weep holes taht il-pont qed jifgaw bil-kwantita' kbira ta' ilma u hmieg li jkun hemm ghandha titkisser il-bankina li hemm mal-bahar biex l-ilma jibqa ghaddej.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota .

86.5.21 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li l-Għaqda taż-Żaghzagh ħadet ħsieb torganizza it-tqassim postali ta'3500 kalendarju lir-residenzi ġo l-Imsida u s- Swatar
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw 150 euro bħala ħlas għas- servizz.

**86.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

86.6.01 Qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret il-laqgħa pubblika li ma kienx hemm attendenza għaliha. Il-Kunsilliera preżenti agħmlu diskussjoni dwar ir-Rapport Amministrattiv JAN -DEC 2018 ttieħħed bħala moqri. Dan ġie aqpprovat, u saru xi proposti Mis-Sur Lino Bartolo biex ir-rapport jitwassal lir-residenti permezz ta' pubblikazzjoni jew mezzi oħra.Is-Sur Maurice Agius wiegeb li mhux vijabli li nghamluh bhal magazine ghax spejjez ghal xejn u jkun ahjar nibdew nuzaw l APP il gdida.

**86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

86.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-86 < dc 86 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn l-01 ta' Frar sa' 28 ta' Frar. Għall-approvazzjoni tal-Membri.
Kif approvat f'minuta 86.4.12 il-ħlas tal- iskeda numru 88 u 89 se jiġi miżmuma sakemm titieħħed azzjoni fuq numru ta' llmenti relatati.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo u s-sekondati, mis-Sur Charles Selvaggi.

L- iskeda ġiet approvata ,unanimament.

**86.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data tas-seduta li jmiss.**

86.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-9:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għal-Ħamis 21 ta' Marzu 2019 fil-17:30pm

Minuti konfermati, illum 21 ta'Marzu 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |